# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020.**

**Numru 10**

**Rikors Maħluf Numru 703/2011/1JPG**

**Francis Said**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija; u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali**

1. Dawn huma żewġ appelli – dak ewlieni tal-attur u dak inċidentali tal-konvenuti – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Mejju 2015 li biha dik il-qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għall-kundanna tal-konvenuti biex iħallsu d-danni li jgħid li ġarrab bi ħtija tagħhom.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien impjegat mas-soċjetà *Medserv Limited*. Wara li l-kuntratt tal-impjieg tiegħu intemm u ma ġiex imġedded, baqa' ma tħallasx dak kollu li jgħid li kellu jieħu mingħand is-soċjetà li magħha kien impjegat għax-xogħol tiegħu.

3. Kien għalhekk li rrikorra għand il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ["il-Kummissarju"] u għand il-konvenut l-ieħor Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali (qabel magħruf bħala d-Dipartiment tax-Xogħol u l-Emigrazzjoni) ["id-Direttur"] sabiex imexxu bil-proċedimenti penali li trid il-liġi kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà *Medserv Limited*. Għall-ewwel l-attur talab illi l-proċeduri penali kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà jkunu għal ħames mija u tmienja u sittin lira ta' Malta u disgħin ċenteżmu (Lm568.90) rappreżentanti l-paga għall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 1997 u l-21 ta' Novembru 1997 u l-*bonus* u l-*allowances* relativi, iżda sussegwentement żied it-talba għal elf, ħames mija u sebgħa u tmenin lira ta' Malta u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm1,587.48) rappreżentanti l-paga, *bonus* u *allowances* kif imfisser fuq, u wkoll ħlas għall-vakanzi bil-ħlas fuq bażi *pro rata* għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1997 u t-28 ta' Novembru 1997[1].

4. Inbdew il-proċeduri penali mitluba mill-attur iżda fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Anthony Diacono mogħtija fl-14 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

[1] Waqt is-smigħ tal-kawża l-attur żied jgħid li lanqas ma tħallas il-paga għall-perjodu ta' tmien ġimgħat ta' żmien ta' avviż għat-temm tal-impjieg tiegħu.

illiberat lir-rappreżentant tas-soċjetà mill-akkużi li tressqu kontrieh mill-pulizija peress li l-kopja tat-taħrika notifikata lilu kienet differenti minn dik fl-inkartament proċesswali depożitat fir-reġistru tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u l-imputat ġie li qatt ma kien validament notifikat bit-taħrika. Bħala konsegwenza ta' dan, il-proċediment penali kien eżawrit minħabba l-preskrizzjoni tal-azzjoni.

5. Peress li fil-fehma tiegħu dan hu konsegwenza ta' "traskuraġni, negliġenza, imperizja, nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti u nuqqas ta' ħila fix-xogħol unikament da parti tal-konvenuti jew min minnhom" u jemmen ukoll li minħabba f'hekk "huwa ġie mtellef mid-dritt illi jaġixxi b'suċċess kontra l-kumpannija *Medserv Limited* għad-drittijiet tiegħu" l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attur kif fuq indikat b'konsegwenza tal-imperizja, traskuraġni, negliġenza, nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti u nuqqas ta' ħila fix-xogħol tagħhom;
>
> »2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur *occorrendo* permezz ta' periti nominandi;
>
> »3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex iħallsu d-danni kif likwidati lill-attur.«

6. Talab ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

7. Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju, qiegħda tiġi eċċepita l-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif se jiġi muri mill-esponent tul il-kors tal-kawża;
>
> »2. illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma humiex l-uniku rimedju li kellu l-attur fil-konfront ta' *Medserv Limited* fir-rigward ta' arretrati ta' paga u benefiċċji oħra. L-attur kellu wkoll rimedju abbażi tad-dritt ċivili, li seta' jeżerċitah sa żmien sena skont kif indikat mill-artikolu 2147(*ċ*) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Barra

minn hekk, waqt il-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-kundanna għall-ħlas tal-arretrati ma hix awtomatika għas-sejba ta' ħtija iżda tista' tiġi mitluba separatament mill-prosekuzzjoni, skont kif joħroġ mil-liġi, u *cioè* l-artikolu 43 tal-Kapitolu 135 tal-Liġijiet ta' Malta (illum l-artikolu 47(1) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalhekk, il-premessa li fuqha hi bbażata din l-azzjoni, u *cioè* li l-attur sofra danni u ħsarat li permezz tagħhom "huwa ġie mtellef mid-dritt illi jaġixxi b'suċċess kontra l-kumpanija *Medserv Limited* għad-drittijiet tiegħu" hija inverosimili għall-aħħar, u konsegwentement, ma jissussistix dannu;

»3. illi *inoltre*, u bla preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-attur kellu wkoll rimedju ieħor quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn seta' jitlob riżarċiment għad-danni minħabba tkeċċija inġusta u seta' wkoll jitlob lura l-arretrati tal-paga. Dan il-proċediment fil-fatt l-attur bdieh u tmexxa indipendentement mill-każ quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u jirriżulta illi ma rnexxiex għaliex it-tribunal iddeċieda illi l-impjieg ma kienx wieħed ta' natura indefinita u għalhekk ma kienx jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. L-eżitu tal-azzjoni huwa kompletament independenti mill-eżistenza tad-dritt tal-azzjoni, *però*, kemm-il darba l-azzjoni ma tirnexxix, xorta waħda jibqa' l-fatt li d-dritt kien hemm;

»4. illi mingħajr preġudizzju huwa ta' min jirrileva illi tul il-proċeduri kriminali l-attur kien dejjem preżenti u assistit minn avukat, u saħansitra kien ippreżenta wkoll xi osservazzjonijiet bil-miktub. Għalhekk, hu seta' faċilment jinduna li kien hemm diskrepanza fl-akkużi, u seta' jagħmel dan ukoll fiż-żmien opportun, u dan *stante* li dejjem kellu aċċess għall-proċess kriminali. Jekk illum l-attur qiegħed jallega li kien hemm xi negliġenza da parti tal-esponent, daqshekk ieħor kien hemm negliġenza kontributorja da parti tiegħu jekk hu kellu aċċess għall-informazzjoni u naqas milli jinduna li kien hemm żball li kellu jiġi rettifikat. L-iżball li kien hemm seta' faċilment jiġi rettifikat, però kellu l-konsegwenzi li kellu preċiżament għax ġie skopert meta kien tard wisq. Barra minn hekk, jekk l-attur qiegħed jippretendi xi riżarċiment għad-danni, irid jipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi l-iżball ma seħħx ħtija tiegħu;

»5. illi subordinatament u dejjem bla preġudizzju, l-esponenti jeċċepixxi illi sabiex tirnexxi l-azzjoni għal riżarċiment tad-danni kif ittentata mill-attur, l-ewwel u qabel kollox irid jiġi ppruvat ukoll, sal-grad rikjest mil-liġi, illi li kieku d-diskrepanza fl-akkużi ma kinitx tissussisti, Anthony Diacono għan-nom tas-soċjetà *Medserv Limited* kien ċerta-ment se jiġi misjub ħati mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fin-nuqqas ta' dan, ma jistax jingħad b'ċertezza li kienet unikament din id-diskrepanza li wasslet sabiex ġie lliberat Anthony Diacono. Altrimenti l-attur ikun qiegħed jittenta li jissostitwixxi l-poteri ta' ġudizzju mogħtija mil-liġi lill-ġudikant sedenti fil-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

»6. illi għalhekk, *in vista* tas-suespost, l-esponent jirrileva illi pre-liminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti, u fil-mertu, it-talbiet u l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fid-dritt u fil-fatt … … …«

8. Il-konvenut l-ieħor, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali, ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju jingħad li l-azzjoni tal-attur hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»2. illi tassew, peress li skont kif sanċit fl-artikolu 2137 tal-istess Kap, "il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tkun tmiss", id-danni reklamati mill-attur waqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn mid-data tal-21 ta' Novembru 1998, jiġifieri sena wara l-ġurnata li fiha l-impjieg tal-attur mal-*Medserv Limited* ġie tterminat permezz ta' ittra mibgħuta mill-istess kumpanija, skont kif kien jipprovdi l-artikolu 43 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta (llum l-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta);

»3. illi fuq il-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti sussidjarjament jirrileva li l-konvenut direttur ma rreka l-ebda danni lill-attur u dan għar-raġunijiet segwenti:

»i. li d-diskrepanza bejn l-ammont indikat fl-akkuża intavolata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-ammont indikat fl-akkuża li ġie notifikat biha l-imputat Anthony Diacono nħolqot minn raġuni imputabbli lir-rikorrenti stess *stante* li, kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża, huwa oriġinarjament naqas milli jgħarraf lid-direttur dak kollu li l-ħlas allegatament dovut lilu kellu jkopri b'dan illi, meta reġa' informa lill-imsemmi dipartiment x'għandu fil-fatt ikopri l-ammont allegatament dovut, id-direttur esponent kien diġà bagħat iċ-*charge sheet* lill-Kummissarju tal-Pulizija. B'konsegwenza ta' dan, l-imsemmi dipartiment kellu permezz ta' avviż jinforma lill-istess kummissarju sabiex jissostitwixxi l-imsemmija *charge sheet* b'waħda oħra li kienet tindika ammont ikbar ta' ħlas allegatament dovut skont dik l-informazzjoni ulterjuri li r-rikorrenti ta lid-dipartiment. Dan wassal sabiex effettivament inħoloq dan l-ekwivoku fl-akkuża li kellu jiġi notifikat biha l-imputat Anthony Diacono;

»ii. li, mingħajr preġudizzju għal fuq riferit, anke li kieku *ammesso e non concesso* kellu b'xi mod jiġi pretiż li tali diskrepanza hija effett ta' aġir doluż min naħa tad-direttur esponent, l-azzjoni tar-rikorrenti għal riżarċiment tad-danni kif ittentata mill-attur ma tistax tiġi akkolta u dan peress li r-rikorrenti ma pprovax sal-grad rikjest mill-liġi li, kieku ma kienx għal din id-disprepanza, Anthony Diacono kien indubjament sejjer jiġi misjub ħati mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Malta);

»iii. li, *di più* u bla ħsara għas-suespost, it-talba tar-rikorrent għar-riżarċiment tad-danni mill-intimat direttur hija wkoll irrita u nulla *stante* li, bħalma huwa użufruwixxa mid-dritt li kien jipprovdi l-Kap. 266 tal-Liġijiet ta' Malta u istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali għar-riżarċiment tad-danni kaġunati min allegat tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg, ir-rikorrenti, jekk qatt kellu dritt, seta' wkoll jużufruwixxi minn rimedju ordinarju ieħor favur tiegħu abbażi tad-dritt ċivili sabiex jiġi mogħti ħlas ta' pagi,

salarji u benefiċċji oħra allegatament dovuti lilu minn Anthony Diacono bħala d-direttur tal-kumpanija *Medserv Limited*, rimedju li huwa ma eżawriex u li llum huwa għal kollox preskritt a bażi tal-artikolu 2147(*ċ*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»iv. li *multo magis* u dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq riferit, id-direttur esponent ma jistax jaħti ta' din id-disprepanza *stante* li f'għemilu huwa mexa fil-parametri ta' dak li kien mistenni minnu *ai termini* tal-artikolu 40 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta (llum l-artikolu 44 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) u fuq il-metru tad-diliġenza kif rikjest minnu taħt l-artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»4. illi *in finis* u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li mal-allegazzjoni tiegħu li d-direttur esponent għandu jiġi ritenut fi ħtija ta' negliġenza għal din id-diskrepanza, ir-rikorrenti ma jistax ma jiġix ritenut fi ħtija ta' negliġenza kontributorja, in kwantu b'mod ġenerali huwa naqas milli josserva u jinduna b'tali diskrepanza fiż-żmien opportun u dan meta huwa kien dejjem preżenti u debitament assistit fid-durata kollha tal-proċeduri kriminali u kif ukoll kellu aċċess liberu għal-proċess kriminali tal-kawża in kwistjoni;

»5. għaldaqstant, attiż dawn il-prinċipji legali fuq enunċjati, huwa kjarament desumibbli li t-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat ippreżentat mir-rikorrenti huma preskritti u manifestament infondati kif ukoll frivoli u sempliċiment vessatorji u għalhekk għandhom ikunu miċħuda.«

9. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … …tiċħad l-eċċezzjonijiet numri wieħed, tnejn, tlieta u sitta limitatament, tilqa' r-raba u l-ħames eċċezzjoni tal-ewwel intimat; u tiċħad l-ewwel, it-tieni, u l-ħames eċċezzjoni waqt li tilqa' r-raba' eċċezzjoni u t-tielet eċċezzjoni limitatament tat-tieni intimat; u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

»Il-qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi jkun ġust u għaqli li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.«

10. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkonsidrat:

»li t-talba tar-rikorrenti hija għar-riżarċiment tad-danni konsegwenti għal allegat imġieba negliġenti tal-intimati, fil-kors tal-proċeduri <u>Pulizija *v.* Diacono</u>.

»Il-qorti tgħaddi biex teżamina l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

»… … …

»In-natura tal-azzjoni li qiegħed jippreżenta l-attur hija kawża għal-riżarċiment ta' danni konsegwenzjali għall-allegat negliġenza da parti

tal-intimati fil-proċeduri penali kontra Diacono, għal telfien ta' drittijiet ta' paga, *bonuses*, *allowances* u *leave* tar-rikorrenti.

»Illi għalhekk, kuntrarjament għal dak sollevat mill-intimati, id-data minn meta għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni hija d-data li fiha ingħatat s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-azzjoni kontra Anthony Diacono u *cioè* fl-14 ta' Marzu 2008.

»Il-qorti rat u eżaminat fin-nota t'eċċezzjonijiet u nota t'osservazzjonijiet tal-intimati għar-regward l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u tagħraf li dak sollevat kien jkun applikabbli f'każ li l-azzjoni kienet intavolata kontra Anthony Diacono għan-nom ta' *Medserv Limited*. L-azzjoni odjerna għandha għeruq differenti.

»Skond l-artikolu 2128 tal-Kapitolu 16, att ġudizzjarju jikser il-preskrizzjoni u t-terminu jerġa' jibda jiddekorri (artikolu 2136(2) Kapitolu 16).

»Jirriżulta mill-provi prodotti illi in segwitu tas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2008 fuq ċitata r-rikorrenti ppreżenta s-segwenti ittri uffiċċjali:

»1. ittra uffiċċjali tas-16 ta' Lulju 2007;

»2. ittra uffiċċjali tat-13 ta' Lulju 2009;

»3. ittra uffiċċjali tal-4 ta' Lulju 2011;

»Il-proċeduri odjerni ġew intavolati fil-21 ta' Lulju 2011.

»Għalhekk il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati.

»Il-qorti tgħaddi biex teżamina r-risponsabiltà *o meno* tal-intimati għat-traskuraġni allegata mir-rikorrenti.

»Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jistipola "Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu".

»Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: "Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja".

»Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili jistipola:

> »"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

»… … …

»Illi huwa mifhum li sabiex ikun hemm lok ta' danni "jrid jkun hemm ness ta' kawżalià' bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż" … … …

»Ikkonsidrat:

»Jirriżulta mill-provi … illi d-dipartiment intimat joqgħod fuq l-informazzjoni li jingħata mill-impjegat.

»In fatti jirriżulta illi mod ċar minn … ittra tal-istess rikorrenti datata 9 ta' April 1998 illi r-rikorrent kien qiegħed jitlob għal "*the salary & all other bonuses and weekly allowances legally due to me*" b'talba għall-interessi bi 8.5%.

»Ebda *annual leave* ma jissemma u ebda *notice payment* ma ġie indikat u dan jiskozza ferm max-xiehda tar-rikorrenti quddiem din il-qorti.

»*Di più*, fl-ittra datata 17 ta' Lulju 1998, l-avukat difensur tar-rikorrenti jagħmel żewġ aċċenni għal "*payment of salary due to Francis Said*", u għal xejn aktar.

»Kien għalhekk illi d-dipartiment intimat bagħat l-hekk msejħa *claim letter* lil *Medserv Limited* fid-29 ta' Lulju 1998 għal ħlas ta' Lm568.90 – *cioè* salarju *bonuses* u *weekly allowances* u ħarġet l-akkuża ta' tali ammont.

»Kien biss permezz ta' Dok. F *a fol*. 350, li waslet fit-28 ta' Settembru 1998 għand id-dipartiment, li l-avukat tar-rikorrenti għamel l-ewwel talba tiegħu għal *notice money* u *annual leave*.

»Dan wassal lid-direttur intimat jibgħat akkuża oħra kif emendata … … …

»Jidher *inoltre* mill-kopja tal-atti tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati esebiti fil-kawża odjerna illi l-każ kien wieħed ferm kontestat u kombattut mill-avukati difensuri tal-kontendenti u li għalhekk il-qorti tqis li d-direttur tad-dipartiment intimat għamel dak mitlub skond il-liġi.

»Wieħed irid jirrikonoxxi ukoll illi l-akkużi kienu jaqgħu bi preskrizzjoni fit-28 ta' Novembru 1998; għalhekk kien hemm perjodu qasir ħafna sabiex wieħed jagħmel indaġni neċessarji biex jiġi skopert l-anomalija.

»L-eżistenza ta' żewġ akkużi kien fattur ewlieni li wassal għal stat ta' fatt fejn donnu l-imputat kellu akkuża differenti minn dik fl-atti proċesswali tal-Qorti tal-Maġistrati.

»Il-qorti tagħraf illi n-notifiki t'akkuża u kwalunkwe emenda għal tali akkuża taqa' taħt r-responsabilità tal-pulizija.

»Din il-qorti osservat ukoll illi r-rikorrenti ma ressaqx lill-ispettur li ffirma l-akkuża jew supretendent responsabbli għad-distrett biex jagħti spjegazzjoni ta' dak illi ġara. Lanqas ma ġew eżebiti l-ewwel riferti.

»Il-qorti tinnota *inoltre* illi, kuntrarjament għal dak li jingħad fix-xiehda tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti kellu l-assitenza tal-avukat difensur tiegħu, jew aħjar ta' sensiela t'avukati, li kienu qed isegwu l-proċeduri … … …

»… … …

»Dan ifisser li, kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrenti, fi żmien rilevanti, u *cioè* illi mis-27 t'Ottubru 1998 sa 28 ta' Novembru 1998, u *cioè* żmien li fih seta' jiġi skopert u jiġi indirizzat l-anomalija, ir-rikorrenti kien assistit mill-avukat difensur tiegħu.

»Illi l-fatt illi l-imputat ma deherx fl-aħħar żewġ seduti ma jistax b'xi mod jiġi addebitat bħala xi nuqqas da parti tal-intimati. In-nuqqas ta' preżenza tar-rikorrenti f'seduti tal-21 ta' Frar 2006 … u dik tal-14 ta' Marzu 2006 … kien ta' portata sostanzjali għaliex ir-rikorrenti kien ikun f'qagħda li jipprevalixxi ruħu minn dritt t'appell, liema appell seta' jindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti. Ċertament ma kienx id-dover tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija jew tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi li jinforma lir-rikorrenti li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ippronunzjat is-sentenza tagħha.

»Din il-qorti rat u eżaminat it-tieni u tielet eċċezzjoni dwar rimedji oħra sollevati mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija u eċċezzjoni 3 sollevata mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Imjiegi. Din il-qorti tagħraf illi l-azzjoni odjerna ma hix waħda ta' indoli kostituzzjonali u għalhekk ir-rikorrenti mhuwiex tenut jeżawrixxi rimedji oħra u huwa liberu li jagħżel kwalunkwe azzjoni jew rimedji li jixtieq, u fil-fatt hekk għamel.

»Din il-qorti lanqas ma tista' ma taċċennax għal fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet ddeċidiet il-każ Pulizija *v.* Anthony Diacono fuq l-eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni. Għaldaqstant mhuwiex magħruf x'seta' kien jkun l-eżitu fuq il-meritu ta' dak il-każ u ċertament din il-qorti ma tistax tiġi mistiedna tgħaddi ġudizzju li kien jaspetta lil-Qorti tal-Maġistrati jew il-Qorti tal-Appell Inferjuri.«

11. L-attur appella b'rikors tal-25 ta' Mejju 2015 li għalih il-konvenuti wieġbu, b'appell inċidentali, fis-16 ta' Ġunju 2015. L-attur wieġeb għall-appell inċidentali fl-4 ta' Mejju 2020.

12. L-appell inċidentali tal-konvenuti jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili u tal-eċċezzjoni li l-attur kellu jinqeda b'rimedji oħra. Billi, jekk jintlaqa' l-appell inċidentali, il-kawża tieqaf hawn, il-qorti sejra tibda billi tqis l-appell inċidentali. L-ewwel aggravju – dak dwar il-preskrizzjoni – ġie mfisser hekk:

»… … … l-ewwel onorabbli qorti għaddiet biex tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni … fuq ir-raġuni, fl-umli fehma tal-esponenti, irrelevanti, li dak hemm osservat "kien jkun applikabbli f'każ li l-azzjoni kienet intavolata kontra Anthony Diacono għan-nom ta' *Medserv Limited*" u ladarba, dejjem skont l-istess qorti, "L-azzjoni odjerna għandha għeruq differenti", hija għaddiet biex tiddikjara li "d-data minn meta għandha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni hija d-data li fiha ingħatat s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-azzjoni kontra Anthony Diacono u ċjoè fl-14 ta' Marzu 2008 [*recte* 14 ta' Marzu 2006];

»illi … l-"għeruq" tal-azzjoni odjerna hija waħda derivanti minn ħtija extra-kontrattwali (*culpa aquiliana*) *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16, cjoè hekk kif irrikonoxxiet l-ewwel onorabbli qorti stess, "kawża għal-riżarċiment ta' danni konsegwenzjali għall-allegat negliġenza da parti tal-intimati fil-proċeduri penali kontra Diacono … … …";

»illi skont l-istess artikolu tali azzjoni taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn li, hekk kif sanċit fl-artikolu 2137 tal-istess Kap., jibdew minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tkun tmiss";

»… … …

»Illi applikat dan il-prinċipju legali għal fatti tal-każ *de quo*, joħroġ ċar li d-danni reklamati mir-rikorrenti waqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn mill-jum li fih l-azzjoni penali kontra Anthony Diacono ġiet estinta u mhux minn meta r-rikorrent sar jaf b'tali estinzjoni, irrispettivament jekk tali azzjoni għar-riżarċiment tad-danni hekk reklamati ġietx istitwita kontra Anthony Diacono jew kontra l-esponenti jew kontra kwalunkwe terz ieħor;

»Illi tassew, la l-liġi permezz tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16 u lanqas il-prinċipju legali fuq imsemmi kif stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna ma jikkwalifikaw jew jirrestrinġu l-applikabilità tal-istess skont il-persuna jew l-entità li kontra tagħha tiġi stitwita azzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kap. 16;

»illi għaldaqstant, hekk kif sanċit fl-artikolu 2137 tal-Kap. 16 u fid-dawl tal-imsemmi prinċipju legali li hu *ormai* ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li tali danni hekk reklamati mill-attur abbażi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 waqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn mid-data tal-21 ta' Novembru 1998, li hija d-data li timmarka sena wara l-ġurnata li fiha l-impjieg tal-attur mal-kumpanija *Medserv Limited* ġie tterminat permezz ta' ittra mibgħuta mill-istess kumpannija u li għalhekk f'dik id-data l-azzjoni penali kontra Anthony Diacono ġiet preskritta fit-termini tal-artikolu 43 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta (illum l-artikolu 47(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta);«

13. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti huwa ħażin. Kif igħid l-art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili u kif, wara kollox, jistqarru l-konvenuti stess, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn dakinhar li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata. Likieku l-attur fetaħ l-azzjoni tallum qabel ma ngħatat is-sentenza kontra Diacono mill-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' Marzu 2006, l-azzjoni kienet tkun intempestiva, billi qabel dakinhar il-kawża kontra Diacono kienet għadha ma nqatgħetx u l-attur ma kien għadu ġarrab ebda dannu. Kien biss meta ngħatat is-sentenza fl-14 ta' Marzu 2006 li l-attur seta' jgħid illi ġarrab danni b'konsegwenza ta' dak li hu jqis bħala nuqqas tal-konvenuti, u għalhekk kien minn dakinhar li bdiet għaddejja l-preskrizzjoni.

14. Il-preskrizzjoni nkisret b'ittra ġudizzjarja tas-16 ta' Lulju 2007; reġgħet inkisret b'ittra ġudizzjarja oħra tat-13 ta' Lulju 2009; u

reġgħet inkisret b'ittra ġudizzjarja oħra tal-4 ta' Lulju 2011. Il-kawża tallum infetħet fil-21 ta' Lulju 2011. F'ebda każ ma għaddew aktar minn sentejn bejn meta bdiet għaddejja l-preskrizzjoni u kull darba li nkisret, u l-ewwel qorti għalhekk għamlet sew li ċaħdet l-eċċezzjoni.

15. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. It-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tiċħad l-eċċezzjoni tagħhom dwar in-nuqqas tal-attur milli jmexxi bi proċeduri ċivili, u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-motiv tal-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel onorabbli qorti, minflok ma trattat tali eċċezzjoni fil-mertu, ikkunsidratha bħala waħda preliminari u għaddiet biex tiċħadha fuq ir-raġuni li "l-azzjoni odjerna ma hix waħda ta' indoli kostituzzjonali u għalhekk ir-rikorrenti m'huwiex tenut jeżawrixxi rimedji oħra u huwa liberu li jagħżel kwalunkwe azzjoni jew rimedju li jixtieq, u fil-fatt hekk għamel";
>
> »Illi li tali eċċezzjoni ġiet sollevata fil-mertu qiegħda dikjarata b'mod espress fit-tieni eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata tal-esponent kummissarju u fit-tielet eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata tal-esponent direttur;
>
> »Illi permezz ta' tali eċċezzjoni l-esponenti bl-ebda mod ma riedu jqisu tali azzjoni bħala waħda ta' indoli kostituzzjonali bil-mod kif fehmet l-ewwel onorabbli qorti;
>
> »Illi permezz ta' tali eċċezzjoni l-intimati riedu jsostnu … li l-proċeduri kriminali kontra Anthony Diacono ġew istitwiti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali abbażi tal-artikoli 40 sa 43 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtu dritt għal azzjoni *ex officio*, jiġifieri azzjoni li tmexxiet mingħajr il-ħtieġa ta' kwerela tar-rikorrent, liema azzjoni hija waħda purament penali u ma twassal għal ebda determinazzjoni ta' drittijiet ċivili tar-rikorrent iżda twassal għal akkuża kriminali kontra l-akkużat, u liema azzjoni hija wkoll distinta u separata minn azzjoni ċivili hekk kif espressament sanċit kemm fil-liġi speċjali permezz tal-*proviso* tal-artikolu 41(4) tal-Kap. 135 kif ukoll fil-liġi ġenerali permezz tal-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »Illi għaldaqstant u diversament minn dak li qed jgħid ir-rikorrenti, id-dritt tiegħu biex jiġi mogħti ħlas ta' pagi, salarji u benefiċċji oħra allegatament dovuti lilu ma jemanix mill-artikoli 40 sa 43 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta li taw lok sabiex jiġu stitwiti proċeduri kriminali kontra Anthony Diacono iżda jemani min azzjoni ċivili għal-ħlas ta' pagi u benefiċċji oħra allegatament dovuti lilu, azzjoni li huwa

iddeċieda li ma jistitwix u li issa huwa għal kollox preskritt a bażi tal-artikolu 2147(*ċ*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»Illi għalhekk huwa r-rikorrenti stess u ċertament mhux l-esponenti li tellef id-dritt għalih innifsu sabiex jaġixxi b'suċċess kontra l-kumpanija *Medserv Limited*;«

17. Tassew illi l-attur seta', kieku ried, imexxi b'azzjoni ċivili għal dak li deherlu li kellu jieħu mingħand *Medserv Limited.* Madankollu, l-art. 41(4) tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg [Kap. 135] – li kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti – kien igħid illi:

»… il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, minbarra li tagħti l-piena stabbilita …, tordna lill-ħati, wara l-prova tal-ammont, li jirrifondi jew iħallas lill-impjegat … l-imsemmi ammont dovut minnu u, fil-każ ta' vaganzi bi ħlas li ma jingħatawx, somma daqs il-ħlas dwarhom, u kull ordni bħal dak tal-qorti għandu jkun tal-istess forza u effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku jkun ingħata f'kawża ċivili bejn l-impjegat … u l-prinċipal.«

18. Tassew li kien ikun aktar għaqli l-attur li kieku mexxa b'azzjoni ċivili flok joqgħod fuq dik penali, li ma titmexxiex minnu u li biex tirnexxi teħtieġ oneru ta' prova aktar iebes minn dak meħtieġ għall-azzjoni ċivili. Madankollu seta' wkoll leġittimament jagħżel, kif fil-fatt għamel, li joqgħod fuq l-azzjoni penali, u kellu kull dritt jistenna li din titmexxa bil-għaqal u l-attenzjoni meħtieġa. Li kieku l-azzjoni penali rnexxiet kien jieħu dak li kien dovut lilu u, fiċ-ċirkostanzi, id-dannu ġarrbu għax l-azzjoni ma rnexxietx. Naturalment, il-kwistjoni jekk kienx bi ħtija tal-konvenuti li l-azzjoni ma rnexxietx, u jekk kinitx tfalli xorta wkoll li kieku l-konvenuti mxew bil-għaqal, huma kwistjonijiet oħra li nqisuhom aktar 'il quddiem, iżda ma jibdlux il-fatt illi l-għażla tal-attur li jistrieħ fuq l-azzjoni penali kienet waħda leġittima, u ma kienx nuqqas li jitfa' xi ħtija fuqu il-fatt li ma fittixx rimedju ċivili.

19. Dan l-aggravju wkoll huwa miċħud, u huwa għalhekk miċħud ukoll l-appell inċidentali tal-konvenuti.

20. Ngħaddu issa għall-appell tal-attur, li fisser l-aggravju waħdieni tiegħu hekk:

»Illi qabel xejn, l-esponenti jirrileva illi din il-kawża ġiet minnu intentata għar-riżarċiment tad-dannu subit minnu b'konsegwenza tan-negliġenza u imperizja kommessa mill-konvenuti, jew min minnhom, fit-tmexxija tal-prosekuzzjoni tal-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Anthony Diacono</u>. Din il-kawża appena msemmija kienet ġiet imnedija mill-konvenuti fuq istanza tal-esponenti, u l-mertu tagħha kien jittratta akkużi diretti kontra l-imputat Diacono dwar nuqqas ta' ħlas ta' salarju u rimunerazzjoni oħra dovuta lill-esponenti in konnessjoni mal-impjieg tiegħu mal-kumpannija *Medserv Limited*.

»Illi kif irriżulta assodat mill-provi, l-imputat Diacono kien ġie liberat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Marzu 2006. Mill-konsiderazzjonijiet esposti f'dik is-sentenza, huwa ċar li l-imputat kien ġie liberat għaliex irriżulta li hu kien ġie notifikat b'akkuża li kienet differenti mill-akkuża li ġiet preżentata fil-qorti. Meta ġiet rilevata din id-diskrepanza, l-imputat kellu jingħata kopja tal-akkuża li kienet tressqet fil-qorti, u b'hekk ġie li kien notifikat kif trid il-liġi ta' proċedura penali l-ewwel darba f'dak il-mument, u *cioè* ferm wara li kien għadda t-terminu ta' preskrizzjoni ta' dik l-azzjoni. Kien għalhekk li hu ġie liberat, b'konsegwenza tal-fatt li l-azzjoni penali sfat preskritta.

»Illi għalhekk l-esponenti intavola dawn il-proċeduri, fejn qed isostni li l-liberatorja tal-imputat Diacono ġiet dikjarata bħala konsegwenza ta' imperizja u traskuraġni tal-konvenuti, jew min minnhom, u fejn qed jitlob illi jiġi riżarċit lilu d-dannu subit b'konsegwenza tal-estinzjoni tal-azzjoni penali, u t-telf għalhekk tal-jedd tiegħu li jeżiġi l-ħlas ta' dak spettanti lilu mingħand Diacono fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpannija *Medserv Limited*.

»Illi l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza, wara li ċaħdet bosta mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, għaddiet biex tirrespinġi t-talbiet tal-attur. Dan għamlitu għaliex, wara li qieset illi l-esponenti kien assistit f'ħames seduti tal-kawża kriminali kontra l-imputat Diacono, l-esponenti ma ndunax bl-iżball li sar fin-notifikat tal-imputat. Qieset ukoll li l-esponenti ma kienx preżenti għall-aħħar żewġ seduti tal-kawża kriminali, liema assenza skont l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza kienet "ta' portata sostanzjali" għaliex wasslet biex l-esponenti ma jinqediex bir-rimedju tal-appell.

»Illi l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza għamlet ukoll xi osservazzjonijiet, fis-sentenza appellata, dwar il-fatt illi l-esponenti kien, fi stadju sussegwenti però qabel ma nbdew il-proċeduri penali, żied ilmenti oħrajn mal-ilment oriġinali tiegħu, liema fatt wassal biex id-direttur konvenut jibgħat it-tieni abbozz tal-akkuża lill-kummissarju konvenut.

»Illi finalment l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza aċċennat ukoll għall-fatt illi, la darba l-kawża kriminali kienet deċiża abbażi tal-preskrizzjoni, ma setax ikun magħruf x'kien se jkun l-eżitu fuq il-mertu, u għalhekk qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ma tistax tiġi mistiedna tgħaddi ġudizzju li kien jispetta lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

»Illi l-esponenti sejjer issa jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex juri fejn ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-onorabbli qorti tal-ewwel istanza biex tiċħad it-talbiet tiegħu.

»Illi għalkemm huwa minnu li l-esponenti kien żied xi lmenti oħrajn ma' l-ilment oriġinali li hu kien ressaq mad-direttur konvenut, dan il-fattur bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala validu sabiex jiskulpa lill-konvenuti min-nuqqas tagħhom fid-dmir li jinnotifikaw lill-imputat Diacono skont il-liġi.

»Illi l-iżball li wassal finalment għal-liberatorja tal-imputat Diacono seħħ għaliex il-konvenuti, jew min minnhom, ippreżenta akkuża fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u nnotifika lill-akkużat Diacono b'akkuża oħra. Huwa evidenti għalhekk li l-imperizja u n-negliġenza seħħet unikament b'konsegwenza ta' aġir li għalih kienu responsabbli l-konvenuti, u mhux l-esponenti.

»Illi ż-żieda fl-ilmenti tal-esponenti kien forsi jkollu xi piż kieku dak li ġara kien li l-akkuża preżentata fil-qorti u notifikata lill-akkużat kienet redatta b'mod u manjiera li ma tinkludix l-ilmenti kollha tal-esponenti. F'tali ċirkostanzi wieħed jista' jasal biex jifhem illi l-omissjoni ta' wħud mill-ilmenti seħħet minħabba li l-esponenti żied mal-ilment oriġinali, b'mod illi r-redazzjoni tal-akkuża ma ġietx emendata b'mod li jkunu riflessi l-ilmenti miżjuda. Però fil-każ odjern ma ġarax hekk. L-akkuża ġiet debitament emendata b'mod li ġew riflessi l-ilmenti kollha tal-esponenti. Dik l-akkuża kif emendata ġiet preżentata fir-reġistru tal-qorti kompetenti. Imma l-akkuża li biha ġie notifikat l-imputat kienet differenti. Huwa proprju hawnhekk li jista' jiġi riskontrat l-element ta' traskuraġni u imperizja li tifforma l-bażi ta' din l-azzjoni. Għaliex hija biss frott ta' traskuraġni illi seta' jseħħ dak li ġara. Il-konvenuti kienu unikament responsabbli min-notifika tal-imputat, u kellu jkun eżerċizzju ta' sempliċità kbira illi l-akkuża li biha ġie notifikat l-imputat tkun kopja tal-akkuża li ġiet preżentata fir-reġistru tal-qorti kompetenti.

»Illi mix-xiehda … jirriżulta li fil-każ odjern l-esponenti kien għarraf lid-dipartiment konvenut bir-rimunerazzjoni li ma ġietx imħallsa lilu, u dan fl-24 ta' Settembru 1998. Jumejn wara, u *cioè* fis-26 ta' Settembru 1998, l-esponenti permezz tal-avukat tiegħu aġġorna ċ-ċifri li kienu jirriflettu r-rimunerazzjoni mhux imħallsa lilu.

»Illi skont l-istess xhud, il-proċedura adoperata f'dak iż-żmien kienet li l-impjegat jagħmel ir-rapport tiegħu lid-dipartiment konvenut. Id-dipartiment imbagħad jabbozza l-akkuża, li kienet tintbagħat lill-kummissarju konvenut sabiex tiġi preżentata fil-qorti u notifikata lill-imputat.

»Jirriżulta li l-abbozz tal-akkuża li kienet tirrifletti ċ-ċifri aġġornati ta' dak dovut lill-esponenti ntbagħtet lill-Kummissarju konvenut fit-8 t'Ottubru 1998. Jirriżulta wkoll illi l-akkuża ġiet preżentata mill-kummissarju konvenut fil-qorti fit-13 t'Ottubru 1998.

»Meta tqis li l-ammont aġġornat intbagħat mill-esponenti lid-dipartiment konvenut fis-26 ta' Settembru 1998, u li l-abbozz tal-

akkuża aġġornata ntbagħtet mid-dipartiment konvenut lill-kummissarju konvenut fit-8 t'Ottubru 1998 – u *cioè* tnax-il jum wara – biex imbagħad il-kummissarju konvenut ippreżenta l-akkuża fil-qorti ħamest ijiem wara, diffiċilment li wieħed jista' jasal biex jifhem fejn hi n-negliġenza kontributorja tal-esponenti kif allegata mid-dipartiment konvenut.

»Illi fil-verità, la darba l-informazzjoni aġġornata intbagħtet mill-esponenti fi żmien utli lill-konvenuti, il-fatt li l-istess konvenuti għamlu konfużjoni sħiħa fit-twettiq tad-doveri tagħhom ma jista' qatt jiġi akkollat lill-esponenti. Huwa inspjegabbli kif ġiet preżentata akkuża fil-qorti u lill-imputat ingħatatlu akkuża differenti minn dik preżentata.

»Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu għat-tieni parti tar-raġunament tal-onorabbli qorti tal-ewwel istanza. L-esponenti jistaqsi illi la darba l-imputat kien notifikat b'kopja tal-akkuża differenti minn dik ippreżentata, seta' jkun possibbli għalih (*cioè* l-esponenti) li jintebaħ b'dak id-difett proċedurali li eventwalment wassal għal-liberatorja tal-imputat Diacono?

»Illi la darba l-kopja żbaljata tal-akkuża ġiet konsenjata lill-imputat, kien impossibbli illi l-esponenti jintebaħ b'dak li kien ġara, għas-sempliċi raġuni illi hu qatt ma kellu u qatt ma seta' jingħata aċċess għall-karti u għall-atti fil-pussess tal-imputat Diacono, u dan irrispettivament mill-fatt jekk l-esponenti kienx assistit minn avukat jew le. L-uniċi persuni li setgħu jindunaw b'dak li seħħ kienu l-imputat innifsu, u l-konvenuti, li wettqu n-notifika difettuża. Kien impossibbli għalhekk għall-esponenti li jinduna bl-iżball biex jieħu ħsieb javża lill-konvenuti ħalli l-istess jiġi rimedjat fi żmien utli.

»Illi ma jkunx inopportun li jiġi rilevat illi, b'din l-eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti qegħdin effettivament jallegaw negliġenza kontributorja da parti tal-esponenti. *In subjecta materia*, huwa rilevanti li jingħad illi fejn parti konvenuta tallega l-kontributorjetà da parti tal-attur fid-dannu subit, jispetta lilha li tressaq prova adegwata tal-istess, in omaġġ tal-prinċipju *reus in excipiendo fit actor*. Legalment, il-kunċett ta' negliġenza kontributorja tippresupponi sejbien ta' responsabbilità fil-konvenut, liema responsabbilità madanakollu tiġi mitigata minħabba xi aġir tal-attur innifsu. Ma huwiex legalment konċepibbli li l-attur jinstab ħati ta' negliġenza kontributorja fl-istess waqt li l-konvenut ma jisabx ħati ta' negliġenza ... ... ...

»Illi effettivament l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza, meta laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-kummissarju konvenut u r-raba' eċċezzjoni tad-direttur konvenut, kienet qed taqbel li l-esponenti kien ħati ta' negliġenza kontributorja, u fl-istess nifs kienet qed issib illi l-konvenuti ma wettqu ebda negliġenza, u għalhekk anke minn dan l-aspett il-konklużjonijiet tal-onorabbli qorti tal-ewwel istanza huma manifestament ħżiena fid-dritt.

»Illi *detto questo*, l-esponenti jirrileva li ma kien hemm ebda negliġenza kontributorja min-naħa tiegħu. Kif supra riferit, biex tissussisti n-negliġenza kontributorja fuq il-parti leża jrid jirriżulta li l-aġir ta' dik il-parti kien tali li mingħajru d-dannu seta' jiġi evitat. Kif diġà sotomess, l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq x'jippreżentaw il-konvenuti fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, u wisq inqas kellu kontroll fuq x'jinnotifikaw l-istess konvenuti lill-imputat Diacono. Lanqas ma seta' l-esponenti, kif suespost, ikun jaf jew jistħarreġ dwar x'ġie

konsenjat mill-konvenuti lill-imputat Diacono. Għalhekk huwa manifest li r-responsabbilità tal-akkadut hija interament tal-konvenuti, jew min minnhom.

»Illi fir-rigward tal-osservazzjoni magħmula fis-sentenza appellata dwar l-assenza tal-esponenti fl-aħħar żewġ udjenzi tal-kawża kriminali, u l-konsegwenzjali nuqqas tiegħu li jappella mid-deċiżjoni li biha ġie liberat l-imputat Diacono, l-esponenti għandu s-segwenti x'jgħid. Qabel xejn, irid jingħad li l-assenza tal-esponenti fl-imsemmija seduti kienet immaterjali għall-eżitu finali. L-iżball fin-notifika tal-imputat Diacono kien sar, u ż-żmien li fih ġie skopert dan l-iżball kien tali li jrendi l-akkoljiment tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata mill-istess imputat, inevitabbli. Fir-rigward tal-fatt li l-esponenti m'appellax minn dik id-deċiżjoni, għandu qabel xejn jiġi rilevat illi jirriżulta mill-provi li lanqas il-konvenuti m'appellaw minn dik id-deċiżjoni. Għalhekk ma jistax jiġi attribwit lill-esponenti xi element ta' negliġenza abbażi tal-konsiderazzjoni illi ma sar ebda appell, tenut kont li l-konvenuti ħadu l-istess pożizzjoni. Barra minn hekk, wieħed irid iqis ukoll li l-esponenti kien biss *parte civile* f'dak il-proċediment, bil-konsegwenza li d-dritt t'appell tiegħu kien wieħed ferm u ferm limitat, jekk mhux addirittura ineżistenti. In effetti teżisti ġurisprudenza kopjuża tal-Qorti tal-Appelli Kriminali li tafferma li d-dritt tal-appell ta' *parte civile* jeżisti biss fil-każijiet li fihom jikkonkorru tliet ċirkostanzi, u *cioè* li l-każ ikun jaqa' fil-kompetenza oriġinali tal-qorti inferjuri, li l-każ ma setax jitmexxa jekk mhux bil-kwerela, u l-prosekuzzjoni tal-każ tkun tmexxiet mill-*parte civile*, u mhux mill-pulizija, *ai termini* tal-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali qabel kien emendat bl-Att VII tal-2010 (ara Il-Pulizija *v.* Philippa Farrugia, Appell Kriminali, 6/12/1995; Il-Pulizija *v.* Pietru Cutajar, Appell Kriminali, 24/2/2000).

»Illi l-prosekuzzjoni tal-kawża kriminali kontra Diacono kienet immexxija mill-konvenuti, u mhux mill-esponenti, u, barra minn hekk, għalkemm kienet saret denunzja mill-esponenti lid-direttur konvenut, l-istituzzjoni tal-azzjoni penali ma kinetx tirrikjedi l-kwerela tal-parti offiża. Għalhekk l-esponenti ma kellu l-ebda dritt t'appell mis-sentenza li biha ġie liberat Diacono. Dan id-dritt t'appell kien vestit unikament fil-konvenuti, u kienu huma li ma pprevalewx ruħhom minnu.

»Illi salv il-premess, l-esponenti josserva illi, fil-verità, appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ftit li xejn kienet se sservi biex jiġi rimedjat id-difett fin-notifika li wassal għall-konsegwenzjali estinzjoni tal-azzjoni penali. La l-imputat ma kien qatt notifikat bl-akkuża kif preżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni penali, it-terminu preskrittiv tal-azzjoni ma kien qatt verament interrott jew sospiż.

»Illi għal kull bon fini, l-esponenti jagħmel referenza għal dak il-bran fis-sentenza appellata li permezz tiegħu l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza osservat illi "... r-rikorrenti ma ressaqx lill-ispettur li ffirma l-akkuża jew supretendent responsabbli għad-distrett biex jagħti spjegazzjoni ta' dak illi ġara. Lanqas ma ġew eżebiti l-ewwel riferti". Bir-rispett, l-esponenti jirrileva illi r-riferti in kwistjoni ma ġewx eżebiti għaliex dawn ma ġewx konservati mill-kummissarju konvenut. Dan apparti l-fatt illi l-eżibizzjoni tar-riferti ma kienet se twassal għal ebda prova rilevanti, *stante* li l-punt in kwistjoni ma kienx meta l-imputat Diacono ġie notifikat, iżda b'liema kopja tal-akkuża ġie notifikat, liema fatt ma kienx se jirriżulta mir-riferta. L-esponenti jirrileva wkoll li ma

ġiex prodott l-ispettur jew is-supretendent responsabbli mill-każ fiż-żmien rilevanti għar-raġuni li l-kummissarju konvenut baqa' qatt ma indika min kienu dawn l-individwi, minkejja li saret talba għal din l-informazzjoni. Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2014 imbagħad, il-kummiss-arju konvenut għarraf lill-onorabbli qorti tal-ewwel istanza illi l-uffiċċjal li kien responsabbli mit-tqassim tal-akkuża in kwistjoni kien maħrub minn Malta, u għalhekk ma setax jiġi prodott biex jixhed. Għalhekk l-esponenti għamel dak kollu li seta' biex iressaq provi dwar x'ġara fit-tqassim tal-akkuża in kwistjoni, b'mod li l-informazzjoni preċiża baqgħet ma tressqitx għal ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-istess esponenti.

»Illi, *detto questo*, l-esponenti jirrileva li mill-provi kien sodisfaċente-ment ippruvat illi l-imputat Diacono kien ġie notifikat b'kopja ħażina tal-akkuża, u, la d-dmir għal tali notifika kien jinkombi esklussivament fuq il-konvenuti, il-prova tan-negliġenza saret, bil-konsegwenza li kien jinkombi fuq l-istess konvenuti l-oneru illi jeskulpaw ruħhom billi jippruvaw xi ċirkostanza li twarrab minn fuqhom il-ħtija ta' dak li ġara. Din il-prova l-konvenuti baqgħu ma ressquhiex.

»Illi finalment, l-onorabbli qorti tal-ewwel istanza osservat ukoll illi la darba l-kawża kriminali kienet deċiża abbażi tal-preskrizzjoni, ma setax ikun magħruf x'kien se jkun l-eżitu fuq il-mertu, u għalhekk qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ma tistax tiġi mistiedna tgħaddi ġudizzju li kien jispetta lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

»Illi b'kull rispett dovut, dan l-argument m'hu xejn għajr sofiżmu, għaliex huwa proprju minħabba l-fatt illi l-azzjoni kriminali ġiet dikjarata preskritta illi saret il-kawża odjerna. Kieku l-imputat Diacono ġie liberat fil-mertu, tali liberatorja kienet tkun pronunzjata wara eżami fil-mertu, u, b'konsegwenza ta' dan, id-deċiżjoni tal-qorti ma kinetx tkun konseg-wenza tat-traskuraġni tal-konvenuti, kif fil-fatt ġara.

»Illi lanqas ma jista' jaqbel l-esponenti mal-prinċipju espost mill-onorabbli qorti tal-ewwel istanza illi qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ma tistax tgħaddi ġudizzju li jispetta lill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Għal-kemm l-esponenti jaqbel li qorti ċivili ma tistax issib persuna ħatja ta' reat u tikkundannah il-piena skont il-liġi penali, jibqa' l-fatt li qorti ċivili tista' tippronunzja ruħha fuq fatti li jikkostitwixxu reat kriminali, u tikkundanna lill-persuna li wettqet dawk il-fatti għall-konsegwenzi ċivili naxxenti minn dawk il-fatti. Dan kollu jitnissel mill-fatt, statutorjament konfermat a tenur tal-artikolu 3(1) tal-Kodiċi Kriminali, illi kull reat jagħti lok kemm għal azzjoni penali u kemm għal azzjoni ċivili.

»Illi però dan lanqas huwa tant rilevanti hawnhekk. Dan għaliex l-azzjoni odjerna m'hijiex azzjoni li permezz tagħha l-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ġiet mitluba tiġġudika lil Anthony Diacono dwar il-fatti addebitati lilu fil-proċediment penali. Dak li l-qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ġiet mitluba li tiġġudika dwaru huwa jekk, b'għemilhom, il-konvenuti rrekawx dannu lill-esponenti.

»Illi l-konvenuti jsostnu, permezz ta' din l-eċċezzjoni tagħhom, li għax il-kawża kriminali ma nqatgħetx fil-mertu, mela allura ma jistax ikun magħruf li l-esponenti verament kellu d-dritt li jippretendi r-rimuner-azzjoni pretiża minnu, u għalhekk huma m'għandhom xejn għal xiex iwieġbu. Effettivament għalhekk il-konvenuti qed jippretendu li l-frott tat-traskuraġni tagħhom – l-estinzjoni tal-azzjoni penali – iservi bħala

impediment għall-pretensjoni tal-esponenti kif dedotta fil-kawża odjerna.

»… … …

»Illi mill-atti jirriżulta li l-esponenti ma ġiex imħallas is-salarju u r-rimunerazzjoni kollha dovuta lilu mill-kumpannija *Medserv Limited*. Huwa adixxa lid-dipartiment konvenut, li, *tramite* l-kummissarju konvenut, istitwixxa proċeduri ġudizzjarji kontra l-persuna respons-abbli fil-kumpannija *Medserv Limited* għall-ħlas ta' tali rimunerazzjoni. Jirriżulta fil-fatt li l-konvenuti, fl-att li permezz tiegħu istitwew l-azzjoni penali kontra Anthony Diacono, talbu li l-qorti kompetenti tordna l-ħlas tal-ammonti dovuti lill-esponenti.

»Ġara li l-azzjoni penali falliet minħabba l-fatt li l-att promotur ta' dik l-azzjoni kif notifikat lill-imputat kien differenti mill-att li ġie preżentat fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali. Peress li d-difett ġie skopert snin wara, l-imputat ġie meqjus li qatt ma kien regolarment notifikat, u għalhekk l-azzjoni ġiet dikjarata preskritta. Kien għalhekk li l-esponenti tilef id-dritt tiegħu li jirċievi l-ħlas dovut lilu, liema ħlas kien addirittura se jsir mill-imputat, sakemm ġie skopert id-difett u irtira l-offerta tiegħu ta' ħlas.

»… … …

»Illi l-ewwel mistoqsija li tinsorġi hija jekk il-konvenuti, jew min minnhom, aġixxewx b'negliġenza, imprudenza jew imperizja meta huma preżentaw fir-reġistru tal-qorti komparixxi, u nnotifikaw lill-imputat Diacono b'komparixxi differenti. Umilment l-esponenti jissotto-metti li t-tweġiba fl-affermattiv ma tistax tkun dubitata. Kien id-dmir tal-konvenuti, jew min minnhom, li jassikuraw li l-imputat Diacono jiġi regolarment notifikat, u ma ngħatat l-ebda raġuni plawsibbli f'dan il-proċediment għaliex dik in-notifika kienet difettuża bil-mod kif irriżulta li kienet.

»Illi in effetti, għalkemm fid-duttrina huwa mgħallem li fil-ħtija akwiljana hija suffiċċjenti l-*culpa lieve*, fil-każ odjern jirriżulta li l-ħtija tal-kon-venuti, jew min minnhom, kienet waħda grossolana, u mingħajr ebda ġustifikazzjoni. M'għandux ikun dubitat li l-konvenuti kien imisshom kienu jafu li n-notifika tal-proċediment penali lill-imputat kien wieħed mill-komponenti l-aktar importanti għall-eżitu pożittiv tal-istess proċediment, u li l-konduzzjoni negliġenti tal-istess notifika kien neċessarjament iwassal għall-estinzjoni tal-azzjoni penali. Huwa proprju għalhekk li, bil-mod kif il-konvenuti mxew fid-dmir tagħhom ta' prosekuturi fl-azzjoni penali in kwistjoni, huma rrendew ruħhom ħatja lejn l-esponenti *stante* imperizja.

»Illi fil-każ odjern, l-esponenti wera li l-konvenuti mxew b'nuqqas ta' diliġenza sal-grad ta' *bonus paterfamilias*. Imiss issa li huwa juri li, b'konsegwenza ta' dak in-nuqqas, ġie leż xi dritt tiegħu, għaliex huwa proprju b'dik il-leżjoni li jiġi kostitwit id-dritt tiegħu għar-riżarċiment.

»Illi d-dritt tal-esponenti li ġie leż b'mod irrimedjabbli huwa dak għas-salarju u rimunerazzjoni dovuti lilu mill-kumpannija *Medserv Limited*. Fiż-żmien li fih il-kumpannija *Medserv Limited* naqset li tħallas l-ammonti dovuti lill-esponenti, il-liġi li kienet tirregola l-impjiegi f'pajjiżna kienet l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg (Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta). Eżami ta' din il-leġislazzjoni juri li, a tenur tal-artikolu 41 tal-Att ċitat, principal li jonqos milli jħallas ir-rimunerazzjoni pretiża mill-

esponenti kien ħati ta' reat, u suġġett għall-ordni tal-qorti li jħallas dawk l-ammonti lill-impjegat. Dak l-ordni ta' ħlas, fil-fatt, kien mogħti minn dik il-liġi effett ekwivalenti ċivili, b'mod li l-impjegat mhux imħallas seta' liberament javalla ruħu mill-istess ordni biex jispedixxi atti eżekuttivi kontra l-prinċipal tiegħu għall-ħlas ta' dak dovut.

»Illi huwa ċar li l-leġislazzjoni in kwistjoni kienet tagħti lill-esponenti dritt li jistenna l-ħlas, jew dritt li jottjeni l-mezzi biex jeżiġi l-ħlas, ta' dak dovut lilu. B'konsegwenza tal-imperizja u n-negliġenza tal-konvenuti, ġie proprju leż dak id-dritt.

»Illi in effetti mill-atti tal-proċediment penali jirriżulta manifest li l-esponenti kien sejjer jitħallas dak dovut lilu mill-imputat, liema ħlas ma sarx biss għaliex kien proprju f'dak il-mument li l-imputat induna li l-akkuża li kien ġie notifikat biha kienet differenti minn dik li kellha quddiemha l-qorti ta' ġurisdizzjoni penali. Malli ntebaħ b'din id-diskrepanza, l-imputat reġa' lura minn kelmtu u ggranfa ma' dan id-difett biex eċċepixxa l-preskrizzjoni, u b'hekk irnexxielu jevadi l-obbligu tiegħu. … … …

»… … …

»… … … l-imputat Diacono kien aċċetta li jħallas dak dovut minnu, u … saħansitra għadda *cheque* lill-avukat tal-esponenti biex iwettaq dan il-ħlas. Dan ic-*cheque* ma kienx ġie aċċettat għaliex l-esponenti ma riedx jippreġudika d-dritt tiegħu għall-ammont verjuri spettanti lilu u li kien mitlub fl-akkuża li kienet preżentata l-qorti. … … … li kieku ma kinetx għan-negliġenza tal-konvenuti, l-ammont dovut lill-esponenti kien ikun ilu li tħallas snin *ormai*.

»Illi huwa opportun li jiġi rilevat li l-konvenuti appellati ma ressqu ebda raġuni waħda, konkreta u tanġibbli, li permezz tagħha wrew li l-esponenti ma kienx jistħoqqlu li jitħallas ir-rimunerazzjoni pretiża minnu. Huma llimitaw ruħhom li jsostnu li ma jistax ikun magħruf f'dan l-istadju jekk l-esponenti kellux id-dritt li jeżiġi dak il-ħlas. Bir-rispett kollu, dan huwa manifestamnet żbaljat, *stante* li huwa possibbli li anke f'din l-istanza tiġi eżaminata dik il-pretensjoni tal-esponenti.

»Illi in effetti tali eżaminazzjoni għandha twassal għall-konklużjoni illi, ċertament fuq il-bilanċ ta' probabbiltajiet, li hu l-grad tal-prova rikjest fi proċediment ta' din ix-xorta, l-esponenti kien jistħoqqlu l-ħlas ta' dak pretiż minnu, u li dan il-ħlas ġie eluż mid-debitur tiegħu proprju minħabba t-traskuraġni u l-imperizja tal-konvenuti.

»Illi għalhekk, l-istess konvenuti appellati, jew min minnhom, għandhom jiġu ddikjarati responsabbli għad-dannu subit mill-esponenti, u għandhom jiġu konsegwenzjalment akkolti t-talbiet l-oħrajn kollha tal-istess esponenti.«

21. Il-konvenuti wieġbu hekk għal dan l-appell:

»Illi in sintesi r-rikorrent Francis Said appella mis-sentenza hawn fuq imsemmija bl-aggravju li l-ewwel onorabbli qorti għamlet valutazzjoni errata tal-provi in kwantu, skont l-appellant, hija żbaljat meta ma sabitx lill-intimati jew min minnhom, responsabbli għad-danni subiti minnu.

»… … …

»… … … jiġi rilevat li fl-argumenti kollha sottomessi fin-nota ta' sottomissjonijiet kif ukoll fir-rikors tal-appell ippreżentati mir-rikorrenti sabiex jipprova jasal għal konklużjoni li l-azzjoni penali kontra Anthony Diacono ġiet estina b'imperizja u traskuraġni tal-intimati appellati fit-termini ta' dak dispost fl-artikoli 1031 sa 1033, l-appellant dejjem għal xi raġuni naqas milli jqanqal il-prinċipju kardinali fid-dottrina antika ... kif ukoll dik moderna li "hu imprexindibiolment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuż", prinċipju li qanqlet kif ukoll spjegat u applikat tant tajjeb l-ewwel onorabbli qorti …;

»Illi tassew, applikat dan il-prinċipju għal każ in eżami, joħroġ evidenti li r-rikorrenti naqas milli jipprova, kif hekk kien inkombenti fuqu li jagħmel, il-konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati minn l-istess att;

»Illi r-rikorrenti naqas milli jipprova dan għaliex difatti ma jissussisti l-ebda ness ta' kawżalità bejn l-aġir tal-esponenti u d-danni pretiżi mill-attur la legalment … u lanqas fattwalment.

»Illi tassew … joħroġ ċar li d-diskrepanza nħolqot unikament ħtija tat-traskuraġni tar-rikorrenti li mmiżinforma lid-direttur esponent u fixkel lill-esponent kummissarju billi:

»i. ikkommunika daqqa ma wieħed u daqqa mal-ieħor b'mod inkonsistenti meta, filwaqt li informa lid-direttur esponent li l-paga, *bonus* u *allowance* tal-ġimgħa biss huwa dovut, huwa informa lill-kummissarju li huwa dovut il-*leave* ukoll;

»ii. kien biss erbat ijiem wara li l-esponent direttur bagħat l-akkuża lill-esponent kummissarju bl-ammont tal-paga, *bonus* u *allowance* tal-ġimgħa li r-rikorrenti bagħat jinforma lid-direttur esponent bl-ittra li bagħat lill-esponent kummissarju li mal-paga, *bonus* u *allowance* tal-ġimgħa għandu jiġi inkluż ukoll il-*leave*;

»iii. dan wassal sabiex l-esponent direttur kellu jibgħat akkuża oħra li meta waslet għand l-esponent Kummissarju t-taħrika fuq l-ewwel akkuża kienet diġà tlestiet b'dan illi meta l-esponent kummissarju rċieva t-tieni akkuża nħolqot konfużjoni bejn it-tnejn li wassal sabiex quddiem l-onorabbli Qorit ta' Ġudikatura Kriminali ġiet intavolata waħda u l-imputat ġie notifikat bl-oħra;

»iv. *Di più*, il-fatt li r-rikorrenti informa lill-esponenti bil-*leave* dovut biss xahar u tliet ġimgħat qabel ma l-azzjoni kriminali kienet se taqa' preskritta illimita b'mod konsiderevoli ċ-ċans li tiġi skoperta tali diskrepanza u li din tiġi rrettifikata qabel ma tali azzjoni tiġi preskritta, apparti li ma ħa l-ebda passi biex jevita l-konfużjoni li jaf li ħoloq huwa stess billi jara li l-ammont jinkludi l-*leave* huwa dak l-ammont li effettivament wasal quddiem il-qorti u għand l-imputat;

»v. li huwa evidenti li, kieku r-rikorrenti ta lid-dipartiment l-inform-azzjoni kollha rigward il-ħlas dovut lilu (u cjoè mhux biss tas-salarju, *bonuses* u l-*weekly allowances* iżda tal-*leave* ukoll) mall-ewwel jew almenu qabel ma l-esponent direttur ħareġ it-taħrika fl-24 ta' Settembru 1998 u għaddiha lill-esponent kummissarju kif wara kollox il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja fit-termini tal-artikolu 1032 tal-Kodiċi

> Ċivili hekk kienu jeżiġu mir-rikorrent, kieku tali diskrepanza żgur qatt ma kienet tinħoloq;

»Illi għaldaqstant joħroġ ċar li d-danni reklamati mir-rikorrenti ma kinux danni kaġunati mill-esponenti iżda mir-rikorrenti stess, u konsegwentement kien hemm ksur fil-katina tal-kawżalità;

»Illi l-ħsara li allegatament seta ġarrab ir-rikorrenti hija riżultat dirett tal-aġir negliġenti tiegħu, u għaldaqstant, bħal ma sewwa qalet l-ewwel onorabbli qorti, ma jistax issa jwaħħal fl-esponenti għal-ħsara li huwa allegatament ġarrab iżda għandu jwieġeb għaliha huwa stess hekk kif jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u abbażi tal-prinċipju legali *volenti non fit injuria*;

»Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk għal xi raġuni din l-onorabbli qorti tiddeċiedi li ma taqbilx mal-ewwel onorabbli qorti u ma ssibx lir-rikorrenti ħati, hija għandha, fl-umli fehma tal-esponenti, indubjament issibu ħati fil-kawża għad-danni fit-termini tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili *stante* li, kif diġà ġie misħuq iktar il-fuq, ir-rikorrenti, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb, iddeċieda li ma jitlobx ċivilment il-ħlas ta' pagi u benefiċċji oħra allegatament dovuti lilu, kif ukoll ikkontribwixxa u ta' okkażjoni għal-ħsara li waslet sabiex l-esponent Kummissarju rċieva żewġ akkużi li ġew konfużi kif fuq ingħad;

»… … …

»Illi *in ogni caso* jiġi rilevat li l-appellat Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u tar-Relazzjonijiet Industrijali kien ċertament diliġenti għall-aħħar u ma wera l-ebda imprudenza fl-aġir tiegħu anzi mexa fil-parametru ta' dak li kien mistenni minnu *ai termini* tal-artikolu 40 tal-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta u fuq il-metru tad-diliġenza kif rikjest minnu taħt l-artikolu 1032 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta meta ġustament bagħat l-akkuża lill-kummissarju sabiex jistitwixxi proċeduri għall-ammont ta' Lm568.90 rappreżentanti f'paga, *bonus* u *allowance* tal-ġimgħa skont kif kien dirett jagħmel mir-rikorrent. Kien biss wara li bagħat l-imsemmija akkuża li r-rikorrent infurmah li ma dak l-ammont huwa dovut ukoll il-*leave* u fuq din l-informazzjoni l-esponent mexa b'mod *extra* diliġenti billi bgħat akkuża oħra mill-ġdid fejn fiha inkluda wkoll l-ammont tal-*leave*;

»Illi attiżi dawn il-kunsiderazzjonijiet legali u fattwali joħroġ ċar li l-konvinċiment tal-ewwel onorabbli qorti li wasslitha biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa' r-raba u l-ħames eċċezzjonijiet tal-intimat kummissarju kif ukoll it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimat direttur huwa f'dan il-każ indubjament wieħed ġust;

»Illi jsegwi għalhekk li l-appellant ma jistax jitlob lil din l-onorabbli qorti tiddisturba l-apprezzament diskrezzjonali li għamlet l-ewwel onorabbli qorti, … … …;

»Illi bid-dovut rispett, l-appellant ma jistax jippretendi li saret valutazzjoni żbaljata tar-riżultanzi struttorji billi minflok ma indika fejn dik il-valutazzjoni hi, skont hu, inadegwata, inkongruwa jew illoġika fuq l-istregwa tal-elementi probatorji komplessivi, qagħad sempliċiment jinvoka ċerti provi parzjali u jiskarta oħrajn fil-waqt li jittanta jikkonvinċi lil din l-onorabbli qorti billi jagħti ri-elaborazzjoni personali tiegħu ta' kif suppost l-ewwel onorabbli qorti kellha tivvaluta l-provi;

> »Illi għaldaqstant, hija l-umli fehma tal-esponent li dan l-aggravju mqajjem mill-appellant huwa manifestament infundat u għalhekk għandu jiġi miċħud.«

22. Mir-raġunament tal-ewwel qorti tista' tislet żewġ raġunijiet li wasslu-ha biex tiċħad it-talba tal-attur: i. il-ħtija "kontributorja" tal-attur meta (a) bagħat lill-konvenuti żewġ verżjonijiet tal-pretensjonijiet tiegħu u meta (b) ma ntebaħx bid-difett ta' notifika, u ii. il-fatt li ma huwiex magħruf x'kien ikun l-eżitu tal-kawża li kieku ma kienx hemm id-difett ta' notifika u ma ntlaqgħetx l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

23. Għalkemm il-qorti tifhem illi n-nuqqas tal-attur li jagħti tagħrif sħiħ u korrett mill-ewwel ikkontribwixxa wkoll għal dak li ġara, u sehem ta' responsabbiltà minħabba f'hekk għandu jintrefa' mill-attur, għax kien imissu ħa ħsieb li jagħmel il-parti tiegħu wkoll bil-għaqal, ma kienx dan il-fattur ewlieni li wassal għan-notifika ħażina. Hija tal-Kummiss-arju r-responsabilità li jħejji t-taħrika u jara li din tiġi notifikata kif imiss, u ma jistax ma jingħadx li kien hemm element qawwi ta' nuqqas ta' attenzjoni li wassal biex il-kopja notifikata lill-imputat tkun differenti minn dik fl-atti tal-qorti.

24. Id-Direttur, min-naħa l-oħra, ma kien ħati ta' ebda nuqqas. Ħejja l-ewwel verżjoni tal-akkuża fuq it-tagħrif mogħti lilu mill-attur, u bagħatha lill-Kummissarju; ħejja t-tieni verżjoni meta l-attur għarrfu li kellu aktar pretensjonijiet, u bagħat din it-tieni verżjoni wkoll tempestivament lill-Kummissarju.

25. Ir-responsabilità ewlenija għalhekk hija tal-Kummissarju, b'element sekondarju ta' ħtija kontributorja tal-attur, iżda ma hemm ebda nuqqas min-naħa tad-Direttur.

26. Lanqas ma taqbel il-qorti li kien hemm ħtija ulterjuri min-naħa tal-attur meta ma ntebaħx bid-difett fin-notifika. Kif sewwa josserva fir-rikors tal-appell, ma kellu ebda mezz biex ikun jaf liema verżjoni tat-taħrika waslet f'idejn l-imputat.

27. L-ewwel element biex tirnexxi l-azzjoni tallum – il-ħija ta' wieħed mill-konvenuti – għalhekk jirriżulta. Jonqos li nqisu t-tieni u t-tielet elementi: id-dannu mġarrab mill-attur u r-rabta' ta' kawżalità bejn il-ħtija u d-dannu.

28. Dwar jekk in-nuqqas tal-Kummissarju wassalx biex l-attur tilef il-jedd li jitħallas dak dovut lilu, l-ewwel qorti u l-konvenuti jgħidu illi ma jistax jiġi determinat kienx hemm rabta' ta' kawża u effett bejn dak in-nuqqas u t-telf tal-attur għax ma jistax ikun magħruf x'kien ikun l-eżitu tal-kawża li kieku n-notifika saret kif imiss. Effettivament il-konvenuti qegħdin jikkontestaw ukoll l-element ta' dannu mġarrab mill-attur meta jgħidu illi ma jistax ikun magħruf x'kien ikun l-eżitu tal-azzjoni penali

29. Dan huwa minnu, u huwa minnu wkoll illi l-azzjoni kienet waħda penali u għalhekk kellu jingħeleb oneru itqal ta' prova biex l-azzjoni tirnexxi. Madankollu, ma hemmx dubju illi l-attur kellu *possibilità* li jieħu dak dovut lilu u din il-possibilità ntilfet bi ħtija, primarjament, tal-Kummissarju. Il-possibilità wkoll għandha valur, u huwa għal dan it-

telf ta' possibilità li għandu jagħmel tajjeb il-Kummissarju. Il-kwistjoni issa hija x'valur għandha dik il-possibilità.

30. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, meqjus ukoll l-oneru ta' prova f'kawża penali, din il-qorti hija tal-fehma illi aktarx iva milli le l-azzjoni penali kienet tirnexxi u l-attur kien jitħallas dak dovut lilu. Din il-fehma hija msaħħa bil-fatt illi, kif jirriżulta mill-atti tal-kawża[2], qabel ma nkixef l-iżball fin-notifika l-avukat tal-imputat fil-proċeduri penali kien għarraf lill-qorti li kellu "*cheque* li se jgħaddih lill-avukat tal-*parte civile* sabiex il-kawża tkun tista' tiġi rtirata", u kien biss għax inkixef id-difett fin-notifika li l-ħlas ma sarx.

31. F'dawn iċ-ċirkostanzi, meqjus illi: i. il-pretensjoni tal-attur kienet għal elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm1,587.48), daqs tlitt elef, sitt mija u sebgħa u disgħin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€3,697.83), ii. illi t-telf tal-attur kien ta' possibilità u mhux neċessarjament ta' ħaġa ċerta għax wara kollox "il-każ kien wieħed ferm kontestat u kombattut", u iii. illi hemm ukoll element ta' ħtija tal-attur, il-qorti tillikwida d-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-Kummissarju fis-somma ta' elfejn euro (€2,000).

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ewlieni tal-attur u mill-appell inċidentali tal-konvenuti billi:

    i. tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenuti;

---

2 Ara *fol.* 122 tal-proċess.

ii. tiċħad l-appell ewlieni safejn jolqot lid-Direttur u għalhekk tikkonferma s-sentenza safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tad-Direttur u safejn ċaħdet it-talbiet magħmula kontra tiegħu;

iii. tilqa' l-appell ewlieni safejn jolqot lill-Kummissarju u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet uħud mill-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju u tħassarha fejn laqgħet l-oħrajn, u, minflok, tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet; tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet tal-attur safejn jolqtu lill-Kummissarju u, minflok, tilqa' dawk it-talbiet: tgħid illi l-Kummissarju għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab l-attur, tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) u tikkundanna lill-Kummissarju jħallas lill-attur id-danni hekk likwidati, bl-imgħax minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

33. L-ispejjeż tal-appell inċidentali jħallsuhom il-konvenuti; l-ispejjeż l-oħra tad-Direttur iħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-attur u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom il-Kummissarju.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr